PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.10337 — BC PARTNERS/VISTA EQUITY PARTNERS/EAB GLOBAL)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 284/05)

1. Fid-9 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— BC Partners LLP ("BC Partners", ir-Renju Unit),

— Vista Equity Partners Management, LLC ("Vista", l-Istati Uniti tal-Amerika)

— EAB Global, Inc. ("EAB Global", l-Istati Uniti tal-Amerika)

BC Partners u Vista jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-EAB Global kollha, li bħalissa hija kkontrollata biss minn fondi ġestiti minn Vista.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal BC Partners: ditta tal-investiment internazzjonali li tipprovdi servizzi ta' konsulenza lil investituri finanzjarji,

— għal Vista: ditta tal-investiment iffukata fuq softwer tal-intrapriża, negozji abilitati għad-*data* u t-teknoloġija,

— għal EAB Global: kumpanija li tipprovdi riċerka dwar l-aħjar prattiki, softwer għall-ġestjoni tas-suċċess tal-istudenti u soluzzjonijiet ta' reġistrazzjoni li jippermettu l-użu ta' *data* għas-swieq tal-edukazzjoni għolja mingħajr skop ta' qligħ u tal-K-12.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jitqies għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja trid tiġi dejjem indikata:

M.10337 – BC PARTNERS/VISTA EQUITY PARTNERS/EAB GLOBAL

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 122964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË